MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru 1080/2008

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs.

Joseph Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 444654(M) akkuzat talli:

1. fit-3 ta' Novembru 2008, u fil-granet ta' qabel din id-data, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuza kontrih migjuba li titratta r-ricettazzjoni.

Rat l-Artikolu 334, 261(c), 279(a) tal-Kap 9 u wara li kkunsidrat it-trattazzjoni dwar il-piena tiddeciedi li tilliberah billi tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------